MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tad-19 ta' Gunju, 2012

Rikors Numru. 293/2012

**HSBC Bank Malta p.l.c. (C3177)**

***kontra***

**Wayne Risiott (ID 443278M)**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors prezentat fl-20 ta` Marzu 2012 li jaqra hekk –

*Illi permezz ta` kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Rosella Sciberras datat 29 ta` Awwissu 2003 (Dok.*

*'HSBC1') is-socjeta` rikorrenti giet konfermata kreditrici tal-intimat ;*

*Illi wara li saru diversi pagamenti l-intimat baqa` debitur tas-socjeta` rikorrenti u ghaddew izjed minn tlett snin mid-data ta` l-istess kuntratt u s-socjeta` rikorrenti qieghda titlob l-awtorizzazzjoni skond l-Artikolu 258 ta` l-istess Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) tal-Ligijiet ta` Malta sabiex tesegwixxi dan l-istess titolu fil-konfront tal-intimat Wayne Risiott ghall-bilanc li ghadu dovut ;*

*Ghalhekk is-socjeta` rikorrenti previa kull dikjarazzjoni u provediment opportun, titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti tawtorizza lis-socjeta` rikorrenti tghaddi ghall-esekuzzjoni tal-istess titolu esekuttiv fuq imsemmi stante li ghaddew izjed minn tliet snin mid-data ta` l-istess kuntratt u li d-dejn ghadu m`huwiex saldat kollu u dan ai termini tal-Artikolu 258 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta minn fejn jirrizulta li r-rikorrent ghandu: "jikkonferma bil-gurament ix-xorta tad-dejn ... li jkun l-esekuzzjoni taghha u li d-dejn jew parti minnu jkun ghadu dovut".*

Rat id-dokument illi kien esebit mir-rikorrenti mal-att promotorju.

Rat illi ghalkemm l-intimat kien debitament notifikat skond il-ligi, huwa baqa` ma ppresentax risposta u ghalhekk baqa` kontumaci.

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tal-14 ta` Gunju 2012 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum.

Rat l-atti tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

## II. <u>Dritt</u>

Skond l-**<u>Art.253 (b) tal-Kap.12</u>**, *huma titoli esekuttivi … l-kuntratti rċevuti minn nutar pubbliku ta' Malta, jew minn uffiċjal pubbliku ieħor awtorizzat li jirċevihom, meta l-kuntratt huwa dwar dejn ċert, likwidu u li għalaq, u ma jikkonsistix f'esekuzzjoni ta' fatt.*

Skond l-**<u>Art.258(c) tal-Kap.12</u>,** *wara …l-għeluq ta' tliet snin minn dak in-nhar li fih skont il-liġi it-titolu esekuttiv imsemmi fil-paragrafi (b) … tal-artikolu 253 …seta' ġie esegwit, l-esekuzzjoni tista' ssir biss wara talba magħmula b'rikors quddiem il-qorti kompetenti. Ir-rikorrent għandu wkoll jikkonferma bil-ġurament ix-xorta tad-dejn jew tat-talba li jkun qed ifittex l-esekuzzjoni tagħha, u li d-dejn jew parti minnu jkun għadu dovut.*

**Ikkunsidrat :**

## III. <u>Risultanzi</u>

Ghax il-kontumacja hija meqjusa fid-dritt bhala kontestazzjoni, din il-Qorti qieset b`reqqa l-kontenut tar-rikors promotorju, li kien konfermat bil-gurament skond il-ligi minn rapprezentant tal-bank rikorrent. Qieset ukoll b`reqqa d-dokumenti li kienu annessi mal-istess rikors promotorju. U wara li ghamlet il-kostatazzjonijiet taghha, din il-Qorti tghid illi hija pjenament sodisfatta mill-fondatezza tal-istanza tal-bank rikorrent.

## <u>Decide</u>

**Ghal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qeghda tilqa` t-talba tal-bank rikorrent, u ghalhekk qeghda tirrendi ezegwibbli l-kuntratt bejn il-partijiet tad-29 ta` Awissu 2003 fl-atti tan-Nutar Dottor Rosella Sciberras.**

**Tordna illi l-ispejjez kollha tal-procediment tal-lum jithallsu mill-intimat.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------